**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Glen Debattista**

**Kumpilazzjoni Numru: 1360/12**

**Illum, 30 ta' Jannar, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Glen Debattista detentur tal-karta tal-identità numru 565359M.

Akkuzat talli f'Awwissu 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminjiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tas-segwenti socjetajiet u negozji, *Hansa Wines and Spirits Limited, Digital Planet Limited u Vincent Hardware Stores, Tip Top Electronics, A to Z Electronics, George Bonello Trading u l-eredi li jista' ghandu l-mejjet Salvatore Grima detentur tal-karta ta' l-identita' 608236(M),* ai terminu ta' l-artikoli **18, 308, 309 u 310** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta'

bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu **183** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu **184** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u cioè ghamel uzu ta' pjanca tar-registrazzjoni numru CBR-996 xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorità dwar il-vettura li kien qed jaghmel uzu minnha nhar it-28 ta' Mejju 2012, ai termini ta' l-artikoli **188 u 189** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament **44** tal-A.L. 198 tal-2009;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew imexxihom ai termini ta' l-Artikolu **334** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta' l-artikoli **49 u 50** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 10/3/11 l-imputat ikkommetta reat iehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioè 18, 308, 309, 310, 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 44 tal-A. L. 198 tal-2009, 334, 49, 50, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuza kif dedotti kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Stante ammissjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat Glen Debattista hati tal-ewwel akkuza (1) sas-sitt (6) akkuza u stante li l-hames (5) akkuza hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum u a rigward s-seba' (7) akkuza tikkundannah ghal tliet (3) xhur prigunerija.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**